MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Numru. 280/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Anthony Curmi**
**Clayton Joseph Polidano**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Anthony Curmi, iben Alfred u Mary nee' Spiteri, imwieled Pieta nhar id-19 ta' Jannar 1982 u residenti Ta' Xiex Farmhouse, Triq l-Imdina, Kirkop u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 162982(M) u l-imputat Clayton Joseph Polidano, bin Joseph u Benedetta nee' Debono, imwieled Pieta' fil-5 ta' Dicembru 1983, residenti Blk4, Flat 3, Triq il-Fieres, Kirkop u dententur tal-karta tal-identita' numru 20084(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar it-2 t’ April 2008 ghal habta ta’ 12.30pm gewwa Triq Ebona, Zebbug:

1. Bi hsieb li jaghmlu delitt ta’ serq, urew dan il-hsieb b’atti esterni w taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-mezz;

Lil Anthony Curmi wahdu:

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro izda inqas mill-valur ta’ elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu;

Lil Clayton Joseph Polidano wahdu:

3. Wettaq reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-13 t’Ottubru 2004 moghtija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. Rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta’ April, 2008 (esebit *a folio* 8 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-4 ta’ April, 2008 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat is-Social Inquiry Report imhejji fil-konfronti tal-imputat Clayton Joseph Polidano (inserit a fol. 66 sa 74).
Semghat l-ammissjoni tal-imputat Anthony Curmi kif registrata fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2009 ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat Anthony Curmi wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda attentat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz li sehh fit-2 ta' April 2008 ghall-habta tat-12.30pm, gewwa Triq Ebona, Haz-Zebbug. Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz irrizulta li fid-data msemmija l-Pulizija rceviet telefonata fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug fejn giet infurmata li kien hemm zewg zghazagh qed jippruvaw jisgassaw bieb tal-fond 42, fi Triq Ebona, Haz-Zebbug. Il-Pulizija marru mal-ewwel fuq il-post, liema post inzerta ma tantx kien il-boghod mill-Ghassa tal-lokal u huma innutaw zewg zghazagh fejn il-bieb tal-imsemmi fond u meta dawn raw il-vettura tal-Pulizija wiehed miz-zghazagh, li sussegwentement gie identifikat bhala l-imputat Anthony Curmi, harab minn fuq il-post u ghalkemm il-Pulizija grew warajh ma rnexxilhomx jaqbduh izda huwa wara gie identifikat permezz ta' ritratti minn xi nies li kienu raw l-attentat ta' sgass u meta gie arrestat huwa rrilaxxja stqarrija fejn ammetta li kien prova jisgassa l-imsemmi fond. Il-Pulizija rnexxilha twaqqaf liz-zaghzugh l-iehor li kien ghadu fuq il-post, u cioe' lill-imputat l-iehor Clayton Joseph Polidano, u dan qal lill-Pulizija li huwa kien mar f'dik il-lokalita' ghaliex ried isib lil xi hadd sabiex jghammar il-klieb. Huwa inoltre qal li ma kienx jaf lill-persuna l-ohra li kienet harbet minn fuq il-post. Wara li saret tfittxija fuq il-persuna tieghu instabu par tights/kalzetti grizi fil-but. L-imputat Polidano sussegwentement irrilaxxja stqarrija

(esebita a fol. 11 tal-process) fejn huwa qal li fil-gurnata in kwistjoni kien mar ghal dawra bil-karozza ma siehbu Anthony Curmi u waqt li kienu ghaddejjin minn Triq Ebona, Haz-Zebbug kienu raw lil tlieta min-nies hergin minn fond u imbaghad ftit tal-hin wara rawhom Hal-Qormi u huma ghalhekk iddecidew li jmorru jisirqu r-residenza taghhom u fil-fatt hekk ghamlu fejn Curmi kien qed jipprova jisgassa l-bieb filwaqt li Polidano kien ghassa izda imbaghad gew il-Pulizija fuq il-post u Curmi harab minn fuq l-istess post. Anki l-imputat Anthony Curmi irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 9 tal-process) fejn ammetta l-involviment tieghu.

Ikkunsidrat;

Illi r-reita' taz-zewg imputati fil-kawza odjerna in kwantu jirrigwarda ir-reat ta' attentat ta serq tirrizulta ampjament mill-istqarrijiet minnhom rilaxxjati u fil-kaz tal-imputat Clayton Joseph Polidano huwa instab ghadu fuq il-post mill-Pulizija u gie identifikat minn PS 1133 Joseph Borg, li xehed fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2008, bhala l-persuna li huwa sab fuq il-post u li saret tfittxija fuqu fejn instabulu par kalzetti/tights grizi fil-but.

Illi mid-dokument esebit a fol. 17 tal-process jirrizulta li l-hsara li giet kagunata fil-bieb tal-fond in kwistjoni kienet tammonta ghal €123.50 u mid-dokument inserit a fol. 37 tal-process jirrizulta li l-imputat Anthony Curmi hallas ghad-danni kagunati fil-bieb tal-fond propjeta' ta' Mikiel Mifsud, u cioe' il-fond fejn sar l-attentat ta' serq. Inoltre mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Malcolm Bondin fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2009 jirrizulta li l-propjetarju tal-fond in kwistjoni kien infurmah li ma kellux pretensjonijiet ulterjuri fil-konfronti tal-imputat Anthony Curmi u li huwa kien thallas tal-hsara kagunata.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Clayton Joseph Polidano jinsab akkuzat ukoll li sar recidiv u li kommetta reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza. Kopja tas-sentenza relattiva fil-fatt giet esebita f'dawn il-proceduri u tinsab inserita a fol. 39 u 40

tal-process u f'dawn il-proceduri saret ukoll id-debita' prova tal-identita' meta xehed l-Ispettur Angelo Caruana (xhieda relattiva inserita a fol. 50 u 51 tal-process) fejn huwa identifika lill-imputat Clayton Joseph Polidano bhala l-istess persuna li inghatat is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2004 fil-konfronti tieghu. Fl-imsemmija sentenza l-imputat inghata piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal perijodu ta' erba' snin u stante li r-reat tieghu l-imputat qed jinstab hati fil-kawza odjerna sehh fit-2 ta' April 2008, l-Qorti jidrilha li ngabet id-debita prova li l-imputat Polidano ikkommetta reat iehor waqt il-perijodu operattiv ta' erba' snin u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-akkuza relattiva u l-Qorti sejra tirrendi effettiv il-perijodu ta' prigunerija ta' sentejn.

Ghal finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Anthony Curmi l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali relattivament netta tieghu kif ukoll il-fatt li ghalkemm huwa rregistra ammissjoni wara li l-Prosekuzzjoni kienet diga' ghalqet il-provi taghha, fl-udjenza tal-4 ta April 2008 meta iz-zewg imputati odjerni kienu tressqu l-Qorti taht arrest, l-avukat difensur taghhom kien iddikjara li jaqbel li r-rizultanzi processwali li talvolta jistghu jikkonfiguraw f'dan il-kaz sejrin ikunu dawk riflessi fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputati u li ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li l-Prosekuzzjoni tressaq provi sabiex tissostanzja dak li kien jirrizulta miz-zewg stqarrijiet. Il-Qorti kkunsidrat ulterjorment li l-imputat Anthony Curmi hallas lil parti leza ghall-hsarat kagunati u ghalhekk jidrilha li ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfronti tieghu.

Ghal finijet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Clayton Joseph Polidano min-naha l-ohra l-Qorti wara li ezaminat il-fedina penali tieghu setghat tikkonstata li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u li ghalkemm huwa inghata l-opportunita' li jirriforma ruhu huwa naqas milli jaghmel dan u fil-fatt ikkommetta reat iehor waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza u l-Qorti ghalhekk jidrilha li fil-kaz tieghu piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261, 263, 278, 31 u 28A sa 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti, ssib llil-imputat Clayton Joseph Polidano hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hames (5) xhur prigunerija. Il-Qorti tordna ulterjorment li l-piena ta' prigunerija ta' sentejn(2) sospizi ghal erba'(4) snin moghtija permezz ta' sentenza tat-13 ta' Ottubru 2004 fil-konfronti tal-imputat Clayton Joseph Polidano tigi reza operattiva sabiex b'hekk l-imputat Clayton Joseph Polidano ghandu jaghmel perijodu globali ta' sentejn(2) u hames(5) xhur prigunerija.

Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261, 263, 278, 31 u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Anthony Curmi hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------